# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 19**

**26 ta' Frar 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 19.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji

19.1.1 Il-Viċi Sindku Victor Cefai kien skużat u għalhekk inqrat l-ittra ta' Apoloġija. Il-membri l-oħra kienu kollha preżenti. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

19.2.1 Il-Kunsillier Horace Micallef għamel referenza għall-minuti numru 16 f'paġna 4, punt numru 16.4, fejn talab li jitniżżel dak li hu kien staqsa lis-Sindku fejn staqsih jekk kienx qarha l-*emails* li bagħtet il-Ministru Għal Għawdex. Is-Sindku wieġeb li le, għaliex kien jinsab indispost iżda s-Segretarja kienet infurmatu dwarhom. Hu talab sabiex dan jiġi vverifikat mar-*'recording'*. Is-Sindku għamel referenza għall-minuti b'urġenza numru 18, fejn talab li jitniżżel il-fatt li s-Segretarja kienet staqsiet lid-Dipartiment dwar jekk stajniex naħtru l-istess Perit fuq il-bord tal-Evalwazzjoni tal-Offerti ta' xogħol ta' Tarmak fi Triq il-Għajn u fejn t-tweġiba kienet li nistgħu. Il-membri qablu unanimament li dawn l-emendi jiġu approvati wara li dawn jiġu vverfikati mar-*'recording'*.

### 19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Mis-Sindku Saviour Borg:

19.3.1 Is-Sindku staqsa fejn wasalna dwar il-kwotazzjonijiet tal-bozoz. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-kwotazzjonjiet intbagħtu lill-Inġinier sabiex jiċċertifika li l-*ispecifications* huma skont kif konna tlabna u l-Inġinier issuġġerixxa sabiex nikkunsidraw il-kwotazzjoni mmarkata b'numru 2. Il-Kunsillier Micallef staqsa jekk tkunx ideja tajba kieku l-bozoz li jinħarqu jsiru *Energy Saving – LED* peress li l-bozoz huma għoljin. Sar kuntatt mal-Inġinier sabiex nivverifikaw jekk il-bozoz LED humiex għoljin aktar jew l-istess jew jagħtux dawl aktar. L-Inġinier spjega li l-prezz għall-bozoz LED se jkun għola pero għandhom *life span* itwal u jagħtu aktar dawl. Allura ġie deċiż li l-offerta għall-fanali l-ġodda għandha toħroġ b'din is-sistema, jiġifieri li jkunu LED u nixtru ammont ta' bozoz normali sabiex għalissa nkunu nistgħu nkomplu nibdlu l-bozoz eżistenti skont il-parir li tana l-Inġinier Galea Curmi.

19.3.2 Is-Sindku qal li l-'paving blocks' Goccia għall-aħħar 40 metru bankina ta' Triq John Gaspard le Merchant għandu jasal għall-ewwel ġimgħa ta' Marzu. Huwa nforma lill-Kunsill li mar mal-kaħħal Toni Muscat li se jkun qiegħed jagħmel dan ix-xogħol ta' twaħħil kif ukoll ta' rranġar ta' bankina u taz-*Zebra Crossing* ta' Triq il-Kappillan Ħili. Il-Kunsillier Mario Mercieca staqsa jekk hux se jkun qed jieħu ħsieb ukoll li titkompla l-katusa ta' Triq John Gaspard le Merchant u s-Sindku wieġeb li se jkun qed jixtri l-materjal u se jkompliha wkoll. Il-Kunsillier Micallef staqsa dwar it-tiswija tal-ħofra fil-

bankina ta' Triq il-Kappillan Guzepp Hili u s-Sindku qal li bagħat lill-ħaddiem tal-Kunsill sabiex jagħmila.

19.3.3 Tħawwlu l-qsari ta' fuq ir-'railing' l-isfel mill-knisja. Is-Sindku semma li la qed joqrob l-Għid ikun tajjeb jekk naħsbu biex inħawwlu madwar 40 qasrija fi triq John Gaspard le Merchant u Kardinal Alessandro Franchi. Jekk naqblu nistgħu nqabbdu lil Emanuel Conti bħas-soltu biex jieħu ħsieb isaqqihom darbtejn fil-ġimgħa għal €10 kull darba.

19.3.4 Għalqet l-offerta għax-xiri u tqegħid ta' *Porfido Paving Blocks* u kien hemm tlett offerti. Irid issa jinħatar bord sabiex din l-offerta tiġi evalwata.

19.3.5 Kellha ssir laqgħa mal-Kuntrattur li kien avviċina lill-Kunsill biex issir mappa tal-Fontana sabiex jtina nformazzjoni dwar it-tipi ta' tabelli tal-lokalita' li jeżistu u kif tista' ssir, pero din il-laqgħa tħassret għaliex ma setgħax jattendi.

19.3.6 Beda kors tal-kompjuter li se jibda jsir fis-sala u qegħdin jattendu sitt persuni.

19.3.7 Is-Sindku nfurma l-membri li l-Kontroprotest li ntbagħat bħala risposta tal-Kunsill lil Fontana Cottage Industry (Bella Cassar, f'isem Game Ltd)baqa ma wasalx u għalhekk wara li ġejna nfurmati mill-Avukat tagħna, s-Segretarja ippreżentatha l-Qorti sabiex dan issa se jintbagħat bil-Marixxal.

19.3.8 Nhar it-13 ta' Frar kien hemm is-seduta l-Qorti dwar il-kas tas-serq tal-kompjuters u issa l-kas ġie aġġornat għat-22 ta' Marzu 2018. Is-Sindku semma li l-Ex Segretarju Eżekuttiv s-Sinjura Odette Camilleri xehdet fil-Qorti li l-Kunsill żammilha l-paga u li anka l-ex Segretarja ta' qabilha ma kienetx tħallset, u dan mingħajr ma tat ir-raġunijiet. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jippreżenta dokumenti li juru sew x'kien ġara fil-kas ta' sew l-ex Segretarja Camilleri kif ukoll tal-ex Segretaja Abela. L-ilment li ressqet is-sinjura Abela kien instab li mhux ġustifikat mill-Ombudsman li kienet tablet l-intervent tiegħu u għalhekk il-Kunsill mexa fuq din id-deċiżjoni. Fil-kas tal-ex Segretarja Camilleri, d-dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien talab lill-Kunsill sabiex jieħu passi kontra l-istess Segretarja fid-dawl ta' diversi nuqqasjijiet. Għalhekk, il-Kunsill kien kitbilha ittra datata 4 ta' Mejju 2017 flimkien ma ċekk numru 7326 bl-ammont ta' €67.52 bħala bilanċ dovut ta' *performance bonus* wara li ġew imnaqqsa l-ispejjeż hekk kif spjegat fl-istess ittra. Il-Kunsill qabel.
Is-Segretarja poġġiet fuq il-mejda kopja tar-rapport li ġie ppreżentat fil-Qorti mill-Ispettur tas-*Cyber Crime.* Dan ir-rapport ġie diskuss u għalhekk kien hemm qbil li ngħidu lill-Avukat sabiex jintalbu aktar dettalji ta' liema *files* u/jew *folders* li ġew imħassra. Il-Kunsill għandu jagħti tweġiba kif ukoll jippreżenta estratt mill-minuti sabiex juri li l-Kunsill kien filfatt diġa approva li jagħti l-*parts* lura lis-Sur Jimmy Saliba.

19.3.9 Is-Sindku qal li nnota li d-dwal taż-*Zebra Crossing* fi Triq il-Kappillan Ġ Ħili u quddiem il-Knisja Parrokjali ma humiex jixgħelu u jitfgħu u qegħdin jixegħlu dawl kontinwu.

Hemm bżonn li naraw li jsiru *beacon lights*. Is-Segretarja ħadet nota sabiex tinforma lil Chris Gauci.

19.3.10 Dwar l-ilment ta' Maria Cassar dwar irranġar ta' bankina fi Triq il-Kappillan G Ħili, s-Sindku qal li l-bajjad jista jgħolli l-livell tal-bankina pulzier u talbet li x-xogħol isir fis-sajf.

19.3.11 Is-Sindku semma li meta ssir iz-*Zebra Crossing* ikun tajjeb li nitolbu wkoll sabiex jinżebgħu s-sinjali tal-art ta' Triq il-Kappillan Ħili. Tlabna wkoll sabiex isir xogħol ta' *patching* fi Triq il-Għajn u dan ix-xogħol sar illum, peress li kien hemm diversi toqob li saru bix-xita ta' dan l-aħħar.

19.3.12 Is-Sindku semma wkoll li jekk ikun hemm qbil, ikun tajjeb li naħsbu għal ħarġa fi Sqallija, fejn din is-sena nistgħu nżuru Palermo, Trapani u Marsala. Il-membri qablu li din il-btala tiġi organizzata bl-ajru u *tour leader* għal jumejn jew tlieta fl-aħħar *weekend* ta' Lulju jew dak ta' qablu.

19.3.13 Twaħħlu d-*doggy bins* fi Triq K. Alessandro Franchi u Triq John Gaspard le Merchant.

19.3.14 Is-Sindku nforma lill-membri li ltaqa mas-Sur Joseph Xerri dwar il-Monument tal-Vittmi tal-logħob tan-nar. Se jagħmel disinn li se jkun jinkludi wkoll il-Qalb ta' Ġesu' sabiex dan jiġi ppreżentat lill-Kunsill biex jiddeċiedi dwaru.

## 19.4 Ħruġ ta' Offerti

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ħareġ il-permess sabiex isir il-ħajt bil-ġebel tas-sejjiegħ fit-triq tal-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku qal li diġa kellem lill-Perit John Saliba u se jieħu ħsieb jerġa' jkellmu sabiex inkunu nistgħu noħorġu s-sejħa għall-offerti. Il-Kunsill qabel li toħroġ l-offerta.

Is-Sindku semma wkoll li jekk hemm qbil naħsbu sabiex toħroġ sejħa għax-xogħol ta' *patching* f'toroq fil-lokalita'. Il-Kunsillier Micallef staqsa fejn se jsir dan ix-xogħol u s-Sindku wieġeb li jsir kull fejn hemm bżonn, inkluż dik il-parti fi Triq il-Kappillan Ħili li kien semma l-Kunsillier Mercieca. Is-Segretarja nfurmatu li wara li ltqajna fuq il-post flimkien mall-Perit Johan mill-kumpanija Road Construction u ppreżentat stima li rċevejna sabiex isir dan ix-xogħol ta' *patching*. Din l-istima hija ta' €3,200. Il-membri qablu li nkellmu lill-Perit Saliba sabiex jipprepara l-*ispecifications* għal din is-sejħa.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li rċevejna l-*ispecifications* mingħand l-Inġinier Galea Curmi sabiex toħroġ is-sejħa għall-fanali ta' Triq John Gaspard le Merchant u Triq Kardinal Alessandro Franchi. Il-Kunsillier Micallef staqsa kif se tkun is-sejħa u kemm se jeħlu, jiġifieri l-evalwazzjoni hux se ssir fuq il-preferenza tad-disinn jew ta' prezz. Is-

Sindku rrimarka li l-Kunsill se jagħżel fuq id-disinn skont l-offerti mitfgħuha u se jsiru 13-il fanal li jagħtu dawl aktar. Il-Kunsill qabel li toħroġ din l-offerta.

## 19.5 Rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni dwar l-Offerta għal xogħol ta' tarmak għall-parti minn Triq il-Għajn.

Is-Segretarja spjegat li wara li l-Perit Bezzina nfurmana li ma setgħax ikun *chairperson* fuq il-bord ta' evalwazzjoni permezz ta' ittra mibgħutha minnu datata 1ta' Frar 2018 u wara li nżammet il-laqgħa b'urġenża sabiex ġie nominat *chairperson* ġdid, l-bord ta' evalwazzjoni ltaqa' sabiex saret l-evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa. Is-Segretarja kompliet tispjega li l-offerti mitfugħa jeċċedu l-baġit allokat u l-Kunsill ma huwiex f'pożizzjoni li jiffinanzja din l-ispiża sabiex issir it-triq kollha. Is-Segretarja spjegat li ħadet ukoll il-parir tad-Direttur tal-Gvern Lokali fejn b'referenza għal-*conditions of service* l-Kunsill ma jistax inaqqas aktar minn 10% tax-xogħol kif mitlub fis-sejħa. Għalhekk il-bord qed jirrakkomanda li t-tender tiġi annullata u l-Kunsill jiddeċiedi jekk iridx joħroġ sejħa oħra għall-parti li jista jiffinanzja, *in line* mal-baġit tal-Kunsill għas-sena 2018.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li talbet lill-Perit sabiex jipprepara żewġ BOQ's ġodda għaż-żewġ partijiet tat-triq u li jirriflettu l-prezzijiet kif mitfugħa. Il-parti minn Pjazza Tomba sa Triq il-Qalb ta' Ġesu ġiet €55,480 u l-parti minn Triq il-Qalb ta' Ġesu' sa Triq il-Kappillan Ħili ġiet €78,400 qabel il-VAT. Dawn ma jinkludux l-ispejjeż tal-WSC fejn hemm 33 servizz.

Ġie ppreżentat r-rapport ta' evalwazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li s-Segretarja ħadet il-parir mid-DLG, propju mingħand is-Sur Chris Galea, minħabba li l-Viċi-Sindku kien ma jiflaħx, ġie deċiż li s-Sur Ċefai setgħa jipparteċipa fil-laqgħa ta' evalwazzjoni permezz ta' telefonija jew Skype. Il-Viċi-Sindku ta' sehemhu fil-laqgħa ta' evalwazzjoni permezz ta' komunikazzjoni *speaker phone* fejn kien b'kuntatt dirett mill-bidu sal-aħħar tal-laqgħa. Il-Kunsill approva r-rapport hekk kif preżentat mill-bord ta' evalwazzjoni.

Is-Segretarja staqsiet jekk hemmx qbil li nerġgħu noħorġu sejħa għall-offerti ġdida sabiex issir parti minn din it-triq, jiġifieri minn Pjazzetta fuq it-Tomba sa Triq il-Qalb ta' Ġesu. Is-Sindku ssuġġerixxa li nagħmlu hekk u nibgħatu l-BOQ's l-oħra li hija ta' bejn Triq il-Qalb ta' Ġesu' u Triq il-Kappillan G Ħili lill-Ministru Għal Għawdex. Żid jgħid li jekk hemm qbil nitolbuha sabiex issir ukoll il-parti l-oħra jiġifieri minn Triq il-Kappillan Ħili sal-knisja li hija responsabilta' tal-Ministeru Għal Għawdex. Is-Segretarja qalet li l-Ministru kienet talbitna l-BOQ's pero' sew is-Sindku kif ukoll il-Kunsillier Micallef qalu li ma jaqblux li jsiru BOQ's ġaladarba x-xogħol ma jkunx deċiż li se jsir ħalli ma nidħlux fi spejjeż żejda. Is-Sindku qal li għandna nibgħatulha l-BOQ's li għandna, dak ta' bejn

Pjazza Sant Wistin u Triq il-Kappillan G. Ħili. Nitolbuha wkoll sabiex issir Trejqa ta' wara d-Djar kif ukoll minn Triq il-Kappillan Ħili sal-knisja. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Mercieca ma jaqbilx li toħroġ sejħa ġdida għall-parti d-dejqa biss u żid jgħid li la mhix fir-responsabbilta' tagħna, ma jaqbilx li għandha ssir. Il-Kunsillier Micallef qal li ma huwiex kontra li ssir pero' kien jaqbel li ssir f'darba ħalli ssir f'daqqa. Il-Kunsillier Carmel Farrugia kif ukoll is-Sindku qablu li għandha ssir, għalehkk għandha toħroġ l-offerta skont kif sar qbil fil-*Budget.*

## 19.6 Servizz ta' *Accountant*

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li bħal ma kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti, talbet kwotazzjoni għal servizz ta' *Accountant* u *Accountant Technician* mingħand tlett *accountants* u irċevejna tnejn. Irċevejna waħda mingħand Parker Randall Turner u offerta oħra mingħand is-Sur Daniel Galea.

Lot 1(*Accountant)* - € 3960 excl VAT (Parkers) u € 2400 excl VAT (Daniel Galea)

Lot 2*(Accountant Technician)* - € N/A (Parkers) u € 2100 excl VAT (Daniel Galea)

Is-Sur Galea qed joffri l-opportunita lill-Kunsill sabiex iwaqqaf is-servizz tal-*Accountant Technician*, jiġifieri tal-Lot 2, dejjem meta jagħti xahar notice lil-*'Accountant.'*

Il-Kunsill unanimament qabel u approva l-offerta tas-Sur Daniel Galea. Għalhekk se jkun qed isir kuntratt li jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Mejju 2018.

## 19.7 Proposti għal programm kulturali 'Gozo Alive' mtella' mill-Ministeru Għal Għawdex

Irċevejna emejl mill-Ministru Għal Għawdex fejn qed tistieden lill-Kunsilli Lokali sabiex jippreżentaw attivita' kulturali li tista' tidħol f'dan il-programm u li se jsir fit-18,19 u 20 ta' Mejju. Din trid tkun attivita' li tippromwovi l-kultura u li ssir fil-lokalitajiet rispettivi. Il-Ministru għal Għawdex se tkun qed tilqa' dawn il-proposti kif ukoll it-talbiet għal għajnuna finanzjarja fejn se jkun hemm il-possibilita' li tagħti refużżjoni sa 50% tal-ispejjeż involuti.

Il-membri ssuġġerew li forsi tista' ssir attivita' ħdejn l-għejjun, fejn nistiednu grupp li jipprovdu żfin folkloristiku kif ukoll ntellgħu xi *stands* tal-ikel tradizzjonali u dak lokali bħal inbid. Din l-attivita' tista tissemma '*Fontana maż-żminijiet.'*

## 19.8 Parteċipazzjoni Annwali fil-Festival des Lyceens et Apprentis – European Orchestra – Region Aquitane.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li rċevejna emejl mingħand ir-Reġjun Għawdex fejn nfurmana li student mil-lokalita' tal-Fontana ikkwalifika student li jipprometti ħafna. Dan huwa Adam Refalo li joqgħod 'Lunzjata Mansions', Triq ta' Mulejja, Fontana. Għalhekk il-Kunsill qed jiġi mistoqsi jekk hux dispost li jissponsorja lil dan l-istudent, billi jħallas l-ispejjeż relatati mal-vjaġġ bl-ajru biss minn Malta għal Bordeaux fi Franza u lura. Minħabba li għal din is-sena dan il-proġett ikkwalifika għall-fondi taħt il-Programm Erasmus+, ir-Reġjun Għawdex ser ikun qiegħed jagħti rifużjoni ta' €275 għal kull student sponsorjat mill-Kunsill.

Il-kunsill jixtieq ikun jaf il-vjaġġ kollu kemm se jqum sabiex ikun f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni u jkollu stampa aktar ċara għall-ispiża li jkun qiegħed jikkommetti ruħhu għaliha. Minbarra hekk jixtieq ikun jaf ukoll x'instrument se jkun qiegħed idoqq is-Sur Refalo. Għalhekk, is-Segretarja se tieħu ħsieb tiġbor din l-informazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista jieħu deċiżjoni dwar dan.

## 19.9 Skema – Korsijiet *'Life Long Learning'* 2018-2019

Il-membri qablu li għandna napplikaw għall-Bizzilla kif ukoll *Ladies & Gents Garments*, *Patchwork*, Malti u Ingliż kif ukoll għal ICT.

## 19.10 Talba għal Community Parking Bay b'diżabilita'.

Irċevejna emejl mingħand Transport Malta fejn infurmana li hemm talba għal *'Communal Reserved Parking Bay'* fi Triq Kappillan Ħili, Fontana. Għalhekk qiegħed iressaq din it-talba għall-kummenti u suġġerimenti tal-Kunsill.

Din it-talba qatt ma ġiet mitluba lill-Kunsill u għalhekk din it-talba għal permess għandha ssir primarjament mir-resident lill-Kunsill u mhux jinqabeż il-Kunsill sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata.

## 19.11 Items ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li huma meħtieġa

19.11.1 Kellna żewġ kontijiet pendenti ta' Solar Engineering ta' €50 il-wieħed li saru fi snin l-imgħoddija u l-membri qablu li dawn kien ġa ġie deċiż li ma jitħallsux. Il-Kunsillier Mercieca ġibed l-attenzjoni li jkun tajjeb jekk niċċekjaw il-garanzija tagħhom sabiex inkunu ċerti li ma għadhomx jaqgħu taħt l-istess garanzija. Is-Sindku talab sabiex ninfurmaw lill-Inġinier Galea Curmi peress li kien hu l-persuna li ħa ħsieb l-

ispecifications ta' meta dawn inxtraw, u nivverifikaw l-eskadenża tal-garanzija kif ukoll itina parir dwar il-*'maintenance'* li għandhom bżonn.

19.11.2 Se ssir laqgħa dwar Fondi Ewropej bl-isem 'The Gozitan Experience' li se ssir nhar il-Ġimgħa 2 ta' Marzu 2018, fejn il-kunsilli lokali flimkien mal-NGO's u l-Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju huma wkoll mistiedna jattendu minħabba li ser tingħata informazzjoni dwar opportunitajiet ta' Fondi Ewropej li jeżistu u li wieħed jista' jibbenifika minnhom.

19.11.3 Ir-Reġjun Għawdex talbuna sabiex nissottomessu l-invoices u l-irċevuti fiskali relatati mal-Iskema dwar xogħol ta' Tarmak, sad-29 ta' Marzu 2018.

19.11.4 Saret migrazzjoni tal-*'website'* minn https://lc.gov.mt għal https://mylocality.gov.mt

19.11.5 Irċevejna l-istima mingħand il-mastrudaxxa Carmel Curmi għal xogħol mitlub li jsir fil-playing field. Il-materjal tal-Eroku huwa €129.80, € 82.60 tal-aħmar u €153.40 l-*'marine plywood'* għal bieba. Il-membri qablu li t-tiswija tat-*tunnel* jsir mill-materjal tal-Eroku u ssir ukoll il-bieba tal-*'Marine Plywood.'* Għalhekk kien hemm qbil sabiex dan ix-xogħol isir u għandu jiġi ordnat.

19.11.6 Irċevejna mingħand LCA, ċirkulari AKL 2018/020 fejn infurmawna li kull *No objection* minn TM għal permessi ta' siġġijiet u mwejjed, minn Marzu li ġej, se jiġi diskuss mal-Kunsilli rispettivi.

19.11.7 Irċvejna Ċirkulari AKL 2018/014 – WIFI4EU Sejħa għall-Kunsilli Lokali. L-iskop ta' dan il-proġett huwa li jwassal il-wifi f'postijiet daqsxejn rimoti. L-UE se tkun qed tħallas għall-ispiża kapitali biex twassal il-WIFI imbagħad ikun sta għall-kunsill biex iħallas l-ispejjeż rikurrenti għall-minimu ta' tlett snin. Il-kunsill tagħna niżżel ismu sabiex nattendu għal-laqgħa nformattiva dwar dan il-proġett sabiex nkunu nistgħu niġu kkunsiddrati li nibbenifikaw minn dan il-proġett.

19.11.8 Il-Kunsilli ġew mitluba mill-AKL sabiex nibgħatu l-kummenti tagħna dwar is-servizz provduti mill-MEUSAC fejn jidħlu proġetti tal-UE kif ukoll l-istat tal-Playing Fields fil-lokalita'.

19.11.9 Ġie jzur il-Kunsill Inġineer Taljan flimkien ma rappreżentant mir-Reġjun Għawdex sabiex sar *Energy Audit* li huwa parti mill-proġett *Enerj.*

19.11.10 L-emejl petitions.dlg@gov.mt ma għadux jiffunzjona u l-petizzjonijiet għandhom ikunu sottomessi permezz tas-sistema online jew inkella permezz tal-posta.

19.11.11 Tressqet it-talba li l-kunsill irċieva mingħand Adrian Cassar li qed jistudja Masters u qed jitlob lista tal-*'Heritage Sites'* ġewwa l-lokalita' tagħna.

19.11.12 Bdew joperaw l-Eko Wardens u ġie ltaqa' mas-Segretarja. Ir-rwol tiegħu se jkun biex jassigura li l-pubbliku jħares l-ambjent. Se jingħataw multi lil min joħroġ il-boroż taż-żibel qabel il-ħin stipulat kif ukoll lil dawk is-sidien li ma jnaddfux wara l-klieb tagħhom.

19.11.13 Irċvejna dwar żewġ sejħiet ta' '*EU Funds, l-EEA and Norway Grants Fund for Regional Cooperation'* kif ukoll *'Interreg Europe –Fourth Call for Project Proposals'*. Is-Segretarja spjegat li minkejja li waħda mill-prioritajiet huma kif nippromwovu l-effiċċjenza ta' riżorsi u nipproteġu l-ambjent, ma nistgħux napplikaw sabiex nikklassifikaw għall-vettura bl-elettriku.

19.11.14 Sejħa għall-Kunsilli li huma nteressati li jipparteċipaw fil-programm *Citizen Participation of the Madrid City Council.*

19.11.15 Kjarifiċi dwar Cir AKL 2018/001 – '*Group Health Policy Renewal'* u Cir AKL 2018/005 – Assigurazzjoni tal-Flus (29/01/2018 – 28/01/2019).

19.11.16 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ntalbet stima lill-Perit ieħor, Bjorn Bonello. Dan tagħna stima ta' **€800** għat-tlett kunsilli ma' xulxin u qed jitlobna li niksbu d-*data* ta' dawn l-aħħar għaxar snin. Tlabna nformazzjoni dwar *collisions* lill-uffiċċju tal-Wardens li diġa rċevejna u qed nistennew li nirċievu d-data mingħand is-Superintendent Antonello Grech. Meta jkollna kollox f'idejna għandna niltaqgħu flimkien mall-Perit u l-Kunsilli l-oħra sabiex ikun jista jibda l-proċess ta' *report drafting.*

19.11.17 Għadna invoice mill-*'Gozo Action Group',* ta' €500. Is-Sindku semma li tajjeb li nistaqsu jekk hux se joħorġu fondi mill-program 'Leader' peress li s'issa ma ħareġ xejn minkejja li l-fondi huma għas-snin 2014 sa 2020. Jekk joħorġu l-Kunsill jista' japplika biex isiru diversi sqaqien b'mod rustiku. Din imbagħad terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

19.11.18 Infetħet l-offerta għal-xogħol ta' xiri u tqegħid ta' madum tal-*Porfido*. Intefgħu tlett offerti u għalhekk il-Kunsill irid jaħtar il-bord ta' evalwazzjoni li jrid ikun jikkonsisti minn Avukat, Perit, Accountant u Chairperson. Il-membri nnominaw u qablu li dawn ikunu Dr. John Paul Grech LLD, l-Perit Stellini, s-Sur Daniel Galea bħala Accountant u s-Sur William Sultana bħala Chairperson.

19.11.19 Il-membri ġew notifikati li se tinżamm il-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi-Sindki li se ssir is-Sibt, fl-24 ta' Marzu ġewwa l-Amazonia fil-Lukanda Dolmen.

19.11.20 Irċevejna mill-Ministeru Għal Għawdex sabiex jinstallaw 'bicycle stand' u riedu risposta sal-20 ta' Frar 2018. Biex inkunu bgħattna tweġiba fil-ħin, is-Segretarja pproponiet li ssir wara l-knisja int u dieħla fil-playing field, pero' staqsiet għas-suġġeriment tal-membri. Il-membri semmew li jista' jkun li ttellef *'parking space'* u għalhekk ipproponew li tista' teħel inti u dieħel Triq Wied Siekel il-barra mill-bollards. Is-Segretarja se tinforma lill-Ministeru Għal Għawdex dwar dan it-tibdil.

19.11.21 Irċevejna t-talba mingħand il-*Maltese Italian Chamber of Commerce* b'talba ta' klijent li jixtieq permess għal *'Street Hawker.'* Dan ġie referut sabiex jissottomessi t-talbiet tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jikseb il-liċenzji neċessarji. Madanakollu, l-Kunsill tagħna mhux interessat li jkollu *'Street Hawkers'.*

19.11.22 Ktibna lil Onorevoli Silvio Parnis kif ukoll lic-Chairperson tal-Jobs Plus dwar il-fatt li bqajna ma ngħatajniex sostitut għall-ħaddiem tal-iskema li ttieħed mill-Kunsill f'Novembru. Spjegajna li fis-sitwazzjoni li qegħdin meta l-uniku ħaddiem li għandna jieħu l-*leave* tiegħu jew ikun indispost, il-kunsill ma hux se jkun f'pozizzjoni li joffri s-servizz liċ-ċittadin. Onorevoli Parnis kiteb lid-Direttur DLG sabiex tieħu azzjoni pero minkejja diversi *reminders* li ntbgħatu, s'issa ma rċivejniex risposta.

19.11.23 Il-membri qablu li niktbu lill-Ministeru Għal Għawdex sabiex ninfurmawha dwar it-talba tal-Kunsill li kien għamel ħalli ssir bankina ġdida fi Triq l-Isptar San Ġiljan kif ukoll li tissewwa bankina li hemm fl-istess triq.

19.11.24 Rigward il-ġbir tal-iskart riċiklabbli, s-Segretarja nfurmat lill-membri li attendiet għal-laqgħa flimkien mall-Kunsill ta' San Lawrenz u ta' Kerċem fejn iltqajna ma' Daniel mill-Green Pak. Sadanittant id-Direttur bagħat sabiex il-Kunsilli lokali ta' Għawdex ma jieħdu ebda azzjoni imma jistennew direzzjoni mingħand id-DLG.

## 19.12 Ilmenti

Il-Kunsill ma rċeviex ilmenti matul dan ix-xahar.

## 19.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. L-invoice tal-Gozo Action Group għandha tibqa pendenti.

Ġiet ippreżentata wkoll il-lista ta’ xiri tal-*petty cash* għal matul dan ix-xahar.

## 19.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 27 ta’ Marzu 2018 fil-5.00pm b’aġenda li tkun komunikata aktar ‘il quddiem.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Saviour Borg** | **Heidi Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |